MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Numru 162/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Donald Albert Galea sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess**
**Donald Albert Galea**

**vs**

**Anthony Zammit**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Ottubru, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma' ghandux jigi

kundanant li jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ elfejn, hames mija u erbatax il-lira Maltin (Lm2,514.00,0) rappresentanti danni kagunati mill-konvenut f’incident awtomobilstiku tat-13 ta’ Dicembru 2001, fi Triq in-Naxxar, San Gwann, bejn il-vettura numru IAM 489 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru DAC 895 misjuqa minn u propjeta tal-attur Donald Albert Galea, liema vettura kienet assikurata taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta’ attrici li ghalhekk hallset ghall-hsarat u riparazzjonijiet kawzati bhala konsegwenza tal-incident hlief ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) ‘excess’ imhallsa mill-assikurat, liema incident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes komprizi ghaxar liri u hamsin centezmu (Lm10.50) ta’ ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ma l-avviz u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. It-talbiet tas-socjeta attrici noe ghandhom jkunu respinti billi l-incident awtomobilisitku li sehh nhar it-13 ta’ Dicembru, 2001 ma humiex imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tal-konvenut. Ghalhekk l-eccipjent mhux responsabbli ghad-danni li s-socjeta attrici noe garbet konsewenza ta’ dan l-incident.
2. Bla pregudizzju ghall-premess, il-quantum tad-danni reklamati huwa kontestat.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi.

Rat kif ukoll id-dikjarazzjoni u elenku ta’ xhieda annessi mal-istess nota ta’ eccezzjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, jkun opportun li ssir referenza ghall-iskizz u rapport esebiti in atti (ara, dwar l-iskizz dak dikjarat, u kif verbalizzat a fol 45 tal-atti). In rigward l-iskizz, fuqu tidher it-triq fejn gara l-incident in esami, liema triq hi maqsuma permezz ta' linja medjana interrotta, b'karreggjata, fuq kull naha, sabiex vetturi jistghu jinsaqu fid-direzzjoni opposta ghal xulxin. Inoltre jigu notati z-zewg toroq laterali, il-posizzjoni tal-vetturi wara dan l-incident kif ukoll 'debris' fuq l-istess triq f'zewg partijiet u li hu indikattiv tal-punt fejn seta' sar l-impatt.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 35 et seq ibid) jsostni li kien hiereg minn triq laterali (Triq San Pawl) fuq il-karozza tieghu numru DAC 895 sabiex jmur fid-direzzjoni ta' Tal-Balal. Hu kien waqaf fil-kantuniera mat-triq principali u minhabba li fuq ix-xellug , il-vizwali tieghu kienet ostakolata minn vettura ohra parkeggata, hu kellu johrog fuq l-istess triq principali sabiex jara jekk kienx hemm traffiku gej mix-xellug. Sadattant, fuq l-istess triq principali kien hemm linja ta' karozzi weqfin sejrin fid-direzzjoni ta' Tas-Sliema. Meta hareg, hu ra li kien hemm karrozza dik misjuqa mill-konvenut li kienet "…. Wrong side totalment' u sejra fid-direzzjoni ta' Tas-Sliema. Bhala konsegwenza saret din il-habta, waqt li hu kien ghadu 'on the proper side of the road' minghajr ma qasam il-linja medjana (ara ukoll ix-xhieda ta' bin l-attur, Benjamin Galea a fol 40 u 41 ibid u li kien passiggier fl-istess karrozza misjuqa mill-attur).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 54 u fol 65 et seq ibid) jsostni illi, waqt li kien qed jsuq fuq l-imsemmija Naxxar Road, kien hemm karozza ohra li qed tinsaq quddiem u s-sewwieq ta' din indika b'sinjal, illi kien ser jdur lejn ix-xellug. Ghalhekk, hu kien naqqas il-velocita tieghu u 'kif appena din daret jiena qlaqt …" Pero', harget karozza ohra, dik misjuqa mill-attur, minn triq laterali fejn kien hemm sinjal ta' 'stop' u 'Kif harget il-karozza l-ohra mit-triq laterali, laqtitni fuq il-'mudguard' tieghi tal-lemin ta' quddiemi'. In rigward l-iskizz imsemmi hu kien qabel mieghu "… hlief ghal(l)-fatt li

kif gja spjegajt, wara l-habta l-iehor mexa xi ftit lura'. Inoltre hu sostna li fl-ebda hin ma qabes il-linja medjana u cahad li kien qala' lill-karozza l-ohra, hawn fuq imsemmija. Pero ftit wara hu donnu biddel dak li ghadu kemm intqal billi testwalment xehed" Meta qlajt din l-ahhar vettura … dan tal-ahhar kien ghadu diehel fit-triq laterali' waqt li ammetta li '…gbidt lejn in-nofs tat-triq imma ma' qbistiex (il-linja medjana)". In kontroesami, saritlu referenza ghad-debris' immedjatmant quddiem il-karozza misjuqa mill-attur u hu sahaq li ma kienx rah fuq il-post tal-incident.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-versjonijiet tal-fatti, kif moghtija mill-partijiet involuti f'din il-kollisjoni, il-Qorti rat li l-aktar fattur importanti u rilevanti, hu filfatt dak id-debris immedjatament quddiem il-mudguard tal-lemin fuq quddiem tal-karozza misjuqa mill-attur. Dan id-debris jinsab, kollu kemm hu, fuq in-naha tat-triq fejn tinsab il-karozza tal-attur. Dan hu indikattiv, fuq bazi ta' probabilta', illi l-karozza tal-attur, waqt li kienet hierga mit-triq laterali ma marritx oltre l-linja medjana tat-triq. Ghalhekk jidher li l-habta saret fuq in-naha tat-triq usata mill-attur waqt li, filfatt, il-konvenut anke jekk ghal ftit kien qabes il-linja medjana. Minhabba hekk, ir-responsabilta' ghal dan l-incident trid tigi akkollata kollha kemm hi lill-konvenut waqt li jinghad illi s-sewqan tal-attur kien regolamentari.

Ikkunsidrat

Illi in rigward id-danni mitluba, dawn jinsabu dokumentati minn fol 15 et seq ibid u a fol 50 et seq ibid. Difatti jidher illi l-vettura misjuqa mill-attur sfat "Total loss" ossija 'beyond econimical repair' u ma ngiebet ebda prova kontrarja ghal dan il-fatt.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni, imperizja u

nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;
2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma globali ta’ Lm2539 u;
3. tikkkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ Lm2,514.00 u lill-atturi is-somma ta’ Lm25.00 bl-imghax legali mill-4 ta’ Marzu 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ ittra u konsult ammontant ghal Lm10.50 u tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Marzu 2002, imsemmija fl-avviz.”

Il-konvenut jikkontesta din is-sentenza b' appell li jikkritika lill-ewwel Qorti fis-sens li din ma applikatx il-principji tad-dritt ghall-kaz.  Kaz dan ko-involgenti skontru bejn *main road user* u *side road user*;

Bhala fatti, hu stabbilit mill-provi li l-konvenut appellant kien gej isuq fit-triq principali filwaqt li l-attur u assigurat tas-socjeta` assiguratrici attrici kien qed isuq fi triq laterali fuq il-lemin tieghu fejn ukoll kien hemm '*stop sign*'.  It-topografija tat-triq principali, kif murija fl-iskizz (fol. 24), tindika li din fiha zewg karreggjati, il-wahda konducenti fid-direzzjoni ta' tas-Sliema u l-ohra fid-direzzjoni lejn tal-Balal.  Hi din l-ahhar direzzjoni li l-attur Donald Albert Galea jghid fix-xhieda tieghu (fol. 35) li kien intenzjonat jaccedi ghaliha;

L-iskizz juri wkoll li l-vettura ta' l-attur kienet qeghda fit-triq principali imma ma kienetx oltrepassat il-linja medjana ta' din it-triq meta sehhet il-kollizjoni.  Jindika, inoltre, mid-*debris* quddiem il-vettura ta' l-attur, l-i*spot of impact*, kif ukoll tifrik aktar 'il quddiem bejn iz-zewg karreggjati u fejn spiccat il-vettura tal-konvenut wara l-habta;

Mix-xhieda, imbaghad, taz-zewg konducenti jirrizulta li fuq in-naha tax-xellug tat-triq laterali li minnha ried johrog l-attur, il-vizwali tieghu kienet ostakolata minn karozza parkeggjata u, skond il-konvenut, anke zewg *skips*.  L-

attur jghid li minhabba f' hekk hu htieglu johrog fuq il-*main road* biex jara ahjar; skond ibnu, Benjamin Galea, li kien passiggier mieghu, "bilkemm niccaqalqu" (fol. 40). It-tnejn li huma, imbaghad, jiddikjaraw li l-konvenut gie "*wrong side*" fil-karreggjata taghhom fil-process li dan kien qed jaghmel sorpass. Il-konvenut jikkontrasta din il-versjoni billi jghid li hu fl-ebda mument ma qabez il-linja medjana tat-triq, ghalkemm jammetti li gibed ghan-nofs meta l-vettura li kienet qed tipprecedih gibdet ghax-xellug biex tidhol fi triq ohra fejn hemm l-istabbiliment ta' l-Alpine. In kontro-ezami jghid li meta sar l-impatt kien fil-*lane* tieghu (fol. 66);

Premessi dawn il-fatti, b' ri-affermazzjoni tal-principju rakkjuz fis-segwenti silta mis-sentenza riporatata a **Vol. XXXII P II p 386**, "min ikun isuq karozza u jasal biex johrog fuq it-triq principali ghandu l-obbligu gravi li qabel ma jesplora tajjeb it-traffiku transitanti fuqha; dan ma jfisserx illi min ikun qed isuq fit-triq principali hu dispensat mill-obbligu ta' kull *road user* li juza d-diligenza mehtiega fis-sewqan, imma l-obbligu ta' min ikun hiereg fuq it-triq principali huwa innegabilment akbar";

Jissokkta jigi spjegat f' gurisprudenza pacifika illi dak l-obbligu tas-*side road user* jimporta li oltre li jesplora sewwa t-triq, jieqaf ghal kollox wara l-i*stop sign* jew johrog "*inching out*" u jassigura li t-triq hi libera qabel ma jaccedi fiha. Ara **Vol. XLV P I p 389** u "**Aldo Cutajar -vs- Charles Magro**", Appell Inferjuri, 27 ta' Ottubru, 2000, fost bosta ohrajn;

Fermi dawn il-principji, il-Qorti tehtiegilha tezamina f' dan il-kaz liema wahda mill-manuvri taz-zewg konducenti - il-hrug fuq it-triq principali mill-attur jew l-allegat sorpass u invazjoni tal-karreggjata da parte tal-konvenut - kienet il-kawza prossima tal-kollizjoni;

Mill-indikaturi li jaghmel l-iskizz - prova din in kwantu newtra, ferm aktar importanti mix-xhieda tal-kontendenti - jassumu rilevanza l-i*spot of impact* senjalat mid-*debris* u l-entita` tad-daqqiet li ssubew iz-zewg vetturi. Dawn flimkien huma determinanti ghall-fini tar-responsabilita` in kwantu juru l-posizzjoni tal-vetturi immedjatament qabel il-habta. Huwa effettivament indikattiv illi l-kollizjoni saret fil-karreggjata li fiha kien qed jaccedi l-attur. Jekk xejn iz-zewg fatturi juru l-konvenut appellanti kien qabez il-linja medjana u dan jikkorrobora u jsostni l-versjoni ta' l-attur illi l-appellanti kien qieghed tabilhaqq jaghmel sorpass;

L-appellanti jissottometti illi l-attur ma kellu ebda jedd jassumi li l-karreggjata li fiha ried jidhol kienet accessibbli ghalih. Dan sa certu punt huwa veru tant li l-principju jimponi fuq *side road user* grad ta' diligenza ferm gholja u akbar minn dik tal-*main road user*. Ciononostante, kif drabi ohra ritenut, hu wkoll principju li "il-*main road user* m' ghandux, unikament ghax u bhala tali, xi brevett ta' immunita` minn kwalunkwe responsabilita` f' kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt *side road user*" ("**Lawrence Montebello -vs- Vincent Gatt**", Appell Civili, 19 ta' Awissu 1966). Hekk gie stabbilit ukoll illi "min ikun sejjer jaghmel sorpass ghandu l-obbligu li ma jesegwix dik il-manuvra hlief wara li jkun accerta ruhu li l-vizwali tippermettilu u li jista' jaghmilha minghajr perikolu ghalih u ghal *road users* ohra" ("**Paolo Gauci -vs- Francis Frendo *et***, Appell Civili, 28 ta' Gunju 1974);

Mir-rakkont moghti mill-appellat ma jirrizultax li dan ma segwiex l-obbligi dettati mill-principju rikjamat mill-appellant jew li ma hax il-prekawzjonijiet opportuni. Hu waqaf fuq l-i*stop sign*, sab ruhu konfrontat bid-dilemma tal-vettura parkeggjata fuq ix-xellug tieghu, u hareg "bilkemm jiccaqlaq" ghal fuq il-karreggjata li taghti fid-direzzjoni fejn ried imur biex, fi kliemu stess, ikollu "vizwali tajba". Din il-manuvra tieghu, fil-hsieb tal-Qorti, timporta li hu agixxa b' dik il-prudenza u diligenza mistennija minn *bonus pater familias*. F' sitwazzjoni tali, kif deciz fil-kawza riportata a **Vol. XLVII P I p 207**, "ma jistax ikun hemm

negligenza, lanqas kontributorja, jekk ma jkunx hemm kolpa fis-sens ta' imprudenza jew negligenza materjali u kawzativa (sottolinejar tal-Qorti) fis-sens tal-ligi";

Fuq l-apprezzament taghha tar-rizultanzi processwali l-ewwel Qorti korrettement inklinat lejn il-versjoni ta' l-attur appellat. Fuq ir-ri-ezami taghha ta' l-istess rizultanzi din il-konkluzjoni hi kondiviza minn din il-Qorti u ghalhekk ma ssibx raguni biex takkolji l-aggravju kif sottomess.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi respint u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------